MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2011

Numru 335/2011

Il-Pulizija
(Spettur Spiridione Zammit)
vs

Eugenio Zammit

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 232168M, akkuzat talli:

1. fis-16 ta’ Frar 2011 ghal habta tal-11:45a.m. u hin u zmien qabel gewwa l-fond Saint Vincent De Paule sitwat fi Triq l-Mgieret Hal-Luqa ikkommetta serq ta’ laham u prodotti tal-medicina lkoll valur ta’ madwar 54.46 Ewro liema serq hu kkwalifikat bil-persuna ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta.

2. fl-istess cirkustanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu, ghamel uzu hazin minn hwejjeg mobbli, cioè  minn laham u prodotti tal-medicina li kienu fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu jew seraq l-istess oggetti li huma propjeta' tal-Gvern ta' Malta.

F'kaz ta' htija taht l-Artikolu 127 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti mitluba li tapplika l-Interdizzjoni Generali tal-imsemmi Eugenio Zammit.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu hin jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu impjegat governattiv, xoghlu "assistant chef" l-Isptar Saint Vincent de Paule.

Fl-udjenza tal-lum, mid-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur, irrizultaw f'x'kienu jikkonsistu l-oggetti in meritu. Gie dikjarat li dawn gew ritornati u l-valur taghhom huwa zghir.

Fil-kuntest tal-akkuzi u fuq l-iskorta tal-istqarrija tal-imputat il-Qorti ser tikkunsidra l-kaz bhala serq semplici u mhux taht l-Artikolu 127 tal-Kap 9.

Ghaldaqstant u filwaqt li ssib l-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, rat l-Artikolu 284 u 285 tal-Kap 9, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' disa' xhur mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------